# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Erbgha 26 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 14/2019JPG**

**Kawza Numru : 28**

**CD**

**vs**

**PD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' CD, datat 11 ta' Jannar 2019, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2001 minn liema zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi l-partijiet finalment isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tal-15 ta' Gunju 2005 skond l-anness kuntratt DOK A;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati minn Gunju 2005 u illum ghanhdom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-manteniment hu regolat skond il-kuntratt ta' separazzjoni b'dan illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minn*

*xulxin fil-waqt li il-manteniment ta' l-ulied thallas f'daqqa mal-kuntratt;*

*Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehitega ghal ksib tad-divorzju skond l-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-qrati fi zmien imholli ghalhekk mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-regsitru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PD, datata 26 ta' Frar 2019, a fol 10 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti taqbel mal-premessi tar-rikors promotur tal-attur CD;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti mhix topponi ghat-talbiet tal-attur ghall-hall taz-zwieg;*

*Illi finalment l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'F;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CD** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Gunju 2001 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-

15 ta' Gunju 2005 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Spjega illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PD** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:* ***[...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2001 u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joe Cilia, datat 15 ta' Gunju 2005 (vide Dok.A fol 3 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilhu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, filwaqt illi tawtorizza lil PD tirriverti lura ghal kunjom xbubita, u cioe F, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifika sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**